Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

# DRITTIJIET U OBBLIGI TAR-RESIDENTI FID-DJAR TAL-ANZJANI

## Drittijiet tar-Resident

1. Għandek id-dritt ta' aċċess għas-servizzi li jippermettulek tgħix b'mod indipendenti, tibqa' attiv u produttiv, madankollu, jekk tkun meħtieġa l-assistenza se tkun assistit minn ħadiema tas-saħħa sabiex tinħasel u tilbes fost kura personali oħra. Għandek tiġi pprovdut b'lista ta' servizzi offruti mid-Dar Residenzjali.
2. Għandek id-dritt li tgħix b'dinjità u rispett f'ambjent sikur.
3. Għandek id-dritt li tingħata trattament mediku mill-infermiera u kura tal-Allied Health biex tinżamm fl-aħjar saħħa fiżika u mentali. Servizzi b'xejn mogħtija fid-Dar Residenzjali fuq bażi ta' riferiment jinkludu dawn li ġejjin: Dietician, Tissue Viability, Clinical Nutrition, Dementia Residential Care, Psychotherapy, Geriatrician, Occupational Therapy, Physiotherapy, Speech Language Therapy u Podiatry.
4. Kwalunkwe kura medika meħtieġa għandha tkun ikkoordinata mill-Maniġment tad-Dar Residenzjali u tiġi pprovduta jew mit-tabib privat tiegħek, minn tabib tal-gvern jew mit-tabib tad-Dar Residenzjali stess. Is-servizz tat-tabib tal-gvern li jinġieb miċ-Ċentru tas-Saħħa jiġi pprovdut mingħajr ħlas. Ftehim ġdid ma' Djar Residenzjali privati qed jiġu aġġornati bis-servizz ta' tabib privat mingħajr ħlas.
5. Għandek id-dritt li tingħata apparat li jgħin biex inaqqas ir-riskju li tiżviluppa xi feriti meta jiġi osservat deterjorament fl-istatus tas-saħħa tiegħek. Garżi għall-kura tal-ġrieħi u medikazzjoni jistgħu jiġu pprovduti permezz tal-POYC. Jekk l-oġġett ma jkunx disponibbli mill-POYC, irid jiġi pprovdut min-naħa tiegħek.
6. Kwalunkwe kura tas-snien meħtieġa għandha tkun koordinata mill-maniġment tad-Dar Residenzjali u tiġi pprovduta jew mid-dentist privat tiegħek jew id-dentist tal-gvern ġewwa SVP jew MDH. Is-servizz tad-dentist tal-gvern huwa pprovdut mingħajr ħlas.

7. Għandek id-dritt li tiġi rrispettat f'kull ħin irrispettivament mill-isfondi reliġjużi, kulturali, razzjali u lingwistiċi tiegħek kif ukoll il-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali tiegħek u kwalunkwe diżabbiltà jew ħtiġijiet ta' komunikazzjoni.

8. Se tkun qed tgħix f'kamra/sala skont il-ħtiġijiet ta' saħħa tiegħek. L-għamara se tkun spazjuża biżżejjed biex tilqa' l-ħtiġijiet bażiċi tiegħek u għandha tinkludi mill-inqas kexxun jissakkar għal kull persuna. Il-kmamar tas-sodda kollha huma mgħammra b'reception televiżiva bażika, Wi-Fi u friġġ komuni. Ikollok aċċess għal toilet u doċċa.

9. Il-kmamar tas-sodda kollha jistgħu jissakkru, iżda jistgħu jinfetħu mill-istaff tad-Dar Residenzjali meta u jekk ikun meħtieġ. L-istaff hu obbligat li jħabbat u jistenna qabel ma jidħol fil-kamra tas-sodda tiegħek.

10. L-akkomodazzjoni fid-Dar Residenzjali tinkludi l-kolazzjon, l-ikla ta' nofsinhar, it-te ta' wara nofsinhar, l-ikla ta' filgħaxija u ilma. Dan kollu għandu jiġi addattat għal kwalunkwe rekwiżit li jista' jkollok. Se tiġi pprovdut b'ikla ppakkjata bla ħlas meta tattendi appuntamenti tal-outpatients u ħarġiet organizzati mid-Dar Residenzjali.

11. Se tiġi pprovdut b'servizz ta' ħasil ta' ħwejjeġ darba fil-ġimgħa mingħajr ħlas.

12. Se tiġi pprovdut b'servizzi ta' hairdressing. Inti intitolat għal qtugħ tax-xagħar kull xahrejn (2) u kulur kull sitt (6) ġimgħat. Ikollok bżonn tipprovdi l-prodotti tiegħek stess, filwaqt li s-servizz huwa bla ħlas.

13. Quddies għandha tiġi organizzata mill-maniġment tad-Dar Residenzjali mill-inqas darba fil-ġimgħa, u għandha tkun disponibbli kamra għal dawk ir-residenti li jipprattikaw twemmin ieħor.

14. Għandek id-dritt li tipparteċipa f'attivitajiet soċjali li huma pprovduti mill-maniġment. Tista' tagħżel li tmur għall-ħarġiet, li jiġu organizzati mid-Dar Residenzja darba fix-xahar. Ikun hemm l-opportunità għar-residenti ta' livelli differenti ta' dipendenza biex jipparteċipaw għal ħarġiet li huma addattati skont il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet tagħhom.

15. Se tiġi pprovdut b'għajnuna għal mobbiltà u tagħmir mediku li jista' jkollok bżonn għal kwalità ta' ħajja aħjar kif preskritt mill-Allied Health Professionals tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità bħal rollators, gutter frames, quadripods, bsaten, cushions li jtaffu l-iskumdità eż.

propad/teracube, cushions morfoloġiċi, dycem mats u netting, u twapet tal-art li ma jiżolqux, non-slip tape, long-handled easy reacher, long-handled dressing stick, weighted u angled cutlery li jinkludi skieken Nelson u rocker, plate surrounds, platti tal-melamine, mugs b'żewġ handles, lazzijiet elastiċi, bed levers, folding rails, grab rails, toilet seats għoljin u siġġu tar-roti bażiku.

16. Għandek id-dritt li tkun akkumpanjat minn Health Care Worker għal appuntamenti fi sptar jew f'Ċentri tas-Saħħa jekk m'għandekx qraba biex jakkumpanjawk. Dan is-servizz huwa bla ħlas.

17. Jista' jkollok id-dritt li żżomm annimal domestiku skont il-protokolli u r-regolamenti tad-Dar Residenzjali (tista' tintalab kopja).

18. Għandek id-dritt li tirċievi żjarat skont ix-xewqat tiegħek matul il-ħinijiet uffiċjali taż-żjarat. Dejjem għandek id-dritt li tagħżel min iżurek jew le.

**<u>Regolamenti għar-Residenti u l-Qraba</u>**

1. Għandek tirċievi l-kura kollha meħtieġa, skont iċ-ċirkostanzi u l-pariri mediċi, wara li inti tiġi kkonsultat u fejn meħtieġ mal-qraba tiegħek jew mal-persuna/i indikata/i bħala l-persuna/i responsabbli għalik.

2. Għalkemm int ammess f'Dar Residenzjali, l-obbligu legali ta' qrabatek jibqa' li jkomplu jagħtuk kura u attenzjoni xorta. Għalhekk, qrabatek/ir-rappreżentanti tiegħek huma marbuta li jgħinuk tgawdi l-aħjar kwalità ta'ħajja bl-akbar dinjità, bħal pereżempju meta jkun hemm il-ħtieġa li tittieħed għal żjara fl-outpatient u fi kwalunkwe istituzzjoni medika jew f'każijiet fejn ikollok bżonn tidħol fi sptar partikolari. Barra minn hekk, qrabatek iridu jipprovdulek oġġetti għall-iġjene personali, u ħwejjeġ, kif meħtieġ.

3. Tista' ddaħħal oġġetti personali żgħar fid-Dar Residenzjali għal użu personali. Għandu jintalab il-kunsens tal-maniġment għal dawn l-oġġetti.

4. M'għandekx garanzija li se tkompli tokkupa l-istess karma tul l-akkomodazzjoni tiegħek fid-Dar Residenzjali. Il-maniġment tad-Dar Residenzjali u/jew l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandu l-awtorità kollha li, jekk meħtieġ, u skont l-esiġenzi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien, li jinkludu l-kundizzjoni tas-saħħa tiegħek u l-livell ta' kura meħtieġa, int tista' tiġi trasferit għal kamra oħra u/jew għal Dar

Residenzjali/Entita' oħra. Kull fejn ikun possibbli, il-bdil ta' Dar Residenzjali jkun evitat sakemm ma ssirx talba minnek innifsek.

5. Inħeġġuk ma żżommx oġġetti ta' valur fil-pussess tiegħek. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe oġġett ta' valur għandu jinżamm f'kexxun li jissakkar.

6. Kull ilbies u oġġett personali għandu jkun immarkat bl-isem tar-resident. Jekk dan ma jsirx, id-Dar Residenzjali ma tkunx responsabbli għal xi oġġetti mitlufa jew mhux f'posthom.

7. Il-ħarġiet jiġu organizzati mid-Dar Residenzjali darba fix-xahar. L-ispejjeż ta' entratura,attivitajiet u trasport ieħor iridu jitħallsu minnek.

8. Professjonisti, bħal nutara u avukati jiġu ammessi biss fid-Dar Residenzjali bil-permess tiegħek u b'konsultazzjoni mal-maniġment tad-Dar Residenzjali. L-impjegati ma jistgħux jaġixxu bħala xhieda u t-tabib tiegħek mhuwiex obbligat jiffirma xi formola ta' prokura.

9. F'każ li jkun hemm ħlasijiet ta' kontribuzzjoni dovuti minnek (dawk li jkunu apparti mit-tnaqqis tal-pensjoni tas-Sigurtà Socjali u/jew il-pensjoni tat-Teżor), għandhom jibdew jitħallsu immedjatament minn meta jinħareġ il-kont mis-sezzjoni tal-kontribuzzjoni fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

10. Id-Dar Residenzjali tista' tipprovdi servizzi addizzjonali li mhumiex koperti mill-iskema tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Jekk jintużaw dawn is-servizzi addizzjonali, il-kont għandu jitħallas minnek immedjatament minn meta l-kont jinħareġ mill-maniġment tad-Dar Residenzjali.

**11. <u>Imġiba aggressiva</u> (mingħandek kif ukoll qrabatek u l-viżitaturi tiegħek)**

i. Għajjat, dagħa u kliem vulgari mhumiex permessi fid-Dar Residenzjali fl-ebda ħin.

ii. Attitudni aggressiva, vjolenza kemm verbali kif ukoll fiżika, provokazzjoni ta' kwalunkwe tip inkluża vjolenza sesswali, verbali kif ukoll fiżika, abbuż psikoloġiku fuq residenti u impjegati, kif ukoll ħsara fuq oġġetti li jappartjenu lid-Dar Residenzjali mhumiex ittollerati. Kull min huwa responsabbli għal tali azzjonijiet għandu jkun espost għal kull azzjoni ċivili jew kriminali mingħajr preġudizzju.

12. **Tipjip, xorb alkoħoliku, drogi illegali u oġġetti perikolużi**

i. Għall-finijiet ta' Saħħa u Sigurtà Pubblika, tipjip huwa pprojbit fid-djar Residenzjali kollha, ħlief f'postijiet magħżula apposta għat-tipjip. L-użu ta' sustanzi illegali u xorb alkoħoliku eċċessiv huwa pprojbit ukoll fid-djar Residenzjali.

ii. Il-Maniġment jirriżerva d-dritt li jneħħi mill-kamra tiegħek kwalunkwe oġġett li huwa jew li jista' jitqies mhux sikur għalik u għal persuni oħra.

13. **Assenza Temporanja mid-Dar Residenzjali**

i. Inti u/jew qrabatek meħtieġa tirreġistraw ismek mar-reception meta tidħol u toħroġ mid-Dar Residenzjali. Il-maniġment irid ikun infurmat qabel ma titlaq u meta tirritorna lura id-Dar Residenzjali.

ii. In-numru ta' kuntatt tal-qraba tiegħek għandu jitħalla mal-Maniġment u r-reception qabel ma titlaq mid-Dar Residenzjali.

iii. Għandek tirritorna lura fid-Dar Residenzjali sad-9 pm jew fiż-żmien li jiġi miftiehem minn qabel mal-Maniġment.

iv. Qrabatek ma jistgħux joħorġuk mid-Dar Residenzjali mingħajr il-kunsens tiegħek u tal-Maniġment.

v. Il-formola ta' ħruġ temporanju trid tiġi ffirmata mill-maniġment tad-Dar Residenzjali, minnek stess jew mid-delegat tiegħek qabel il-ħruġ tiegħek mid-Dar Residenzjali.

**Jekk dawn ir-regolamenti jinkisru ripetutament, il-Maniġment tad-Dar Residenzjali u l- Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jirriżervaw id-dritt li jirrifjutaw li tibqa' fid-Dar Residenzjali.**

14. **Prokura**

i. Jekk m'intix f'pożizzjoni li teżerċita l-fakultajiet tiegħek u għalhekk ma tistax tiddeċiedi għalik innifsek, kopja ċċertifikata tad-dokument tal-prokura għandha tiġi pprovduta lill-maniġment tad-Dar Residenzjali minn

qrabatek. Dan id-dokument għandu jindika l-kapaċità li fiha dik il-persuna hija intitolata li taġixxi u s-setgħat mogħtija. Il-prokura għandha titfassal skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. Barra minn hekk, id-Dar Residenzjali tirriżerva d-dritt li titlob prova ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Qrati Maltin lil kwalunkwe persuna/i li taġixxi f'ismek.

ii. Jekk m'għandekx qraba u m'intix f'pożizzjoni li tiddeċiedi għalik innifsek, f'każ li jkollha tittieħed deċiżjoni dwar il-ħtiġijiet tiegħek, id-Dar Residenzjali tista' tippreżenta rikors quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.